MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 19/2004/2

**Tal-Franciz[1] Construction Limited u Modern Design Limited**

**vs**

**Angelo Zarb**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti;
>
> Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' elf hames mija u sebghin lira Maltija (Lm1,570) fir-rigward ta' xoghol ta' manifattura u tqeghid ta'

[1] Korrezzjoni awtorizzat fl-isem b'digriet moghti fl-4 ta' Novembru 2004 (fol. 8).

bibien gewwa proprjeta’ fi Triq Sant’Agata, Sliema, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. L-atturi jsostnu li l-appalt ma twettaqx skond il-kwalita u standards miftiehma, u fih hafna difetti li m’humiex accettabbli. Ghalhekk qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex tiddikjara:-

1. Ix-xogol li sar hu difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti.
2. Li x-xoghol ghandu jinqala’ ghas-spejjez tal-konvenut.
3. Tikkundanna lill-konvenut biex jaqla’ x-xoghol fi zmien qasir u perentorju li jigi moghti u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi li jaqilghu huma x-xoghol ghas-spejjez tal-konvenut.
4. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi.
5. Tillikwida d-danni.
6. tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni li jigu likwidati u li jirrifondi l-ammont li thallas bhala korrispettiv ghall-appalt moghti.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-1 ta’ Novembru 2008 (fol. 6) il-konvenut eccepixxa:-

1. Ic-citazzjoni hi kontradittorja u l-atturi ma jafux x’iridu ghaliex l-ewwel jippretendu li l-konvenut naqas li jwettaq l-appalt moghti u mbaghad li l-appalt ma sarx skond is-sengha u l-arti. Japplika l-principju electa una via non datur recursus ad alteram.
2. Tant l-atturi jinsabu f’kontradizzjoni li wara li twettaq ix-xoghol hallsu wara li kellhom iz-zmien kollu li jaghmlu spezzjoni. Il-hlas hu konferma li x-xoghol sar tajjeb u accettabbli. M’huwiex spjegabbli kif l-ewwel hallsu u issa jridu li x-xoghol li sar jitnehha.
3. Jekk ghall-grazzja ta’ l-argument l-atturi ghandhom ragun, l-azzjoni li misshom ghamlu kienet ghax-xoljiment tal-appalt fejn il-konvenut jiehu lura x-xoghol esegwit hazin u jigi rifuz lilhom il-prezz imhallas. L-atturi qeghdin jesperixxu

azzjoni b'ohra u f'kull kaz m'hemmx talba wahda fejn qieghed jintalab li jigi xolt l-appalt mal-hafna talbiet li ghamlu.

4. It-talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni hi nfondata, ghaliex f'kaz ta' xoljiment ta' appalt il-hsar li jbati l-appaltatur hu l-prezz li jkun hallas tal-materjal u xoghol fornut u xejn iktar. Hawnhekk m'huwiex kaz ta' fejn xoghol sar hazin li jirrikjedi xoghol iehor u spejjez ohrajn biex jitranga x-xoghol.

Rat l-atti.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Lulju 2008 (fol. 74) li biha hassret is-sentenza ta din il-qorti moghtija fit-12 ta' Marzu 2008 permezz ta' liema kienu gew milqugha t-tielet u r-raba' ecccezzjoni tal-konvenut. F'dik is-sentenza l-qorti kkonfermat li n-negozju guridiku bejn il-partijiet kien wiehed ta' appalt u kienu diversi l-ghazliet li kellhom l-atturi; *"Ad ezempju, ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' ftehim jew l-eliminazzjoni tad-difetti jew ukoll ta' dawn flimkien purke subordinata wahda ghall-ohra. In aggunta ghal dawn, jew anke minghajrhom, ir-rimedju tar-rizarciment tad-danni. Tali jinkwadra ruhu fl-ambitu ta' dik ir-responsabbilta' kontrattwali minhabba inadempiment konkretizzata f'difetti fix-xoghol."* (fol. 83).

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta appalt li nghata mill-atturi lill-konvenut sabiex jaghmel bibien. Il-proprjeta' tinsab fi Triq Sant Agata, Sliema u x-xoghol sar f'zewg appartamenti. Kuntrarjament ghal dak li qieghed isostni l-konvenut, l-atturi jafu x'iridu. Bil-mod li saret il-kawza hu evidenti li l-atturi ma jridux

li l-atturi jigu mgieghla jesegwixxu x-xoghol skond is-sengha u l-arti, imma li jinhall il-ftehim ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u jergghu jitqieghdu fil-posizzjoni li kienu. Il-Qorti ta' l-Appell stess ikkonfermat li *"Hu anzi konnaturali mit-talbiet illi l-iskop determinanti prosegwit mis-socjeta appellanti hu dak tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr, almenu per equivalent, tas-sitwazzjoni antecedenti."* (fol. 84). Il-qorti m'ghandix dubju li mill-mod kif l-atturi fissru t-talba fl-avviz jridu r-rizoluzzjoni tal-kuntratt. Tant hu hekk li permezz tat-tieni talba talbu: ***"Konsegwentement tiddikjara illi dan ix-xoghol ghandu jigi rimoss a spejjez u a riskju tieghek."*** u jridu r-rifuzjoni tal-hlas li ghamlu lill-konvenut. Il-fatt li m'hemmx talba specifika sabiex il-qorti **"Tordna r-rizoluzzjoni tal-appalt"** m'ghandux jippregudika l-azzjoni ta' l-atturi, iktar u iktar meta wiehed l-Artikoli 171 u 213 tal-Kap. 12. Bejn il-kontendenti m'hemmx kontestazzjoni li l-kuntratt hu wiehed ta' appalt u mhux ta' bejgh. Tant hu hekk li fl-ebda parti tad-difiza tal-konvenut ma sar xi argument fis-sens li hu kien semplici venditur fil-konfront ta' l-atturi u li kienet tispetta lilhom r-rimedji kontemplati fl-istitut tal-bejgh.

Appaltatur ghandu l-obbligu li jaghmel ix-xoghol skond l-ordni li jkun inghata, skond il-ftehim, u naturalment ghandu obbligu li jaghmel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti. Min-naha tieghu ghandu dritt li jircievi hlas minghand il-kommittent ghax-xoghol li jkun wettaq. Fejn ma jwettaqx dak li jinghad hawn fuq ikun ifisser li l-appaltatur ma jkunx wettaq l-obbligu tieghu kuntrattwali. F'tali cirkostanzi l-kommittenti ghandu rimedji differenti, ghalkemm ir-rimedju tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt hu rimedju estrem.

2. L-uniku prova li hemm fl-atti hi r-relazzjoni tal-espert tekniku Carmel Sultana (fol. 15) u l-eskussjoni li saret fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2007

(fol. 27). Fir-rapport il-perit tekniku kkonferma li l-ilmenti ta' l-atturi hu floku in kwantu:-

(a) Ic-cappetti m'humix ingastati fic-caccis, u dan iwassal sabiex il-bieb jiddendel (fol. 29)[2]. Sabiex dan isir iridju jinqalghu x-xambrelli, jigu ngastati c-cappetti u jitressqu skond is-sengha vicin tal-bibien, jew inkella jitwessghu l-bibien;

(b) Hafna mill-mincotti ma humiex pareggati sew;

(c) L-ixkatlar ma kienx bizzejjed;

(d) Sar hafna stukkjar. *"Jekk ma mxejtx skond is-sengha fix-xogol tal-mincotti, u l-affarijiet l-ohra, bilfors iddahhal l-istokk."* (fol. 36).

(e) L-ispray hu nieqes u m'huwiex imwassal;

(f) Hafna mix-xoghol m'huwiex komplut (f'dan ir-rigward ghamel riferenza ghal ritratti 5,6,5B,5C,5D, 8,4 u 7).

Ir-ritratti li ttiehdu waqt l-access li ghamel il-perit tekniku huma konferma ohra tal-kwalita' fqira tax-xoghol. Hekk per ezempju hu ritatt numru:-

- 2 – bieb li hu mibrum;
- 2B – xambrella maqlugha minn postha ghaliex imbarrmet;
- 2A u 3 – spazju bejn ix-xambrella u l-bieb m'humiex l-istess;
- 4 u 5 – xoghol mhux lest;
- 5A – xambrella ta' bieb qasira minn ma' l-art;

Minn qari tad-deposizzjoni tal-espert hu evidenti kemm ix-xoghol li wettaq il-konvenut m'huwiex ta' kwalita. Dawn id-difetti ma gewx riskontrati f'apertura wahda, imma fix-xoghol kollu li ghamel il-konvenut. Il-perti tekniku kkonkluda: *"L-esponent jikkonkludi li sabiex ix-xoghol ikun skond is-sengha u l-arti, "....jrid jinqallaw il-bibien, xambrelli u bordura u jergaw jigu rrangati mill-gdid fejn jistghu jew jinbidlu xi partijiet ghas-spejjes daqs li*

[2] Ara ritratt numru 4 (fol. 21); *"Meta ghandek bieb imdendel, poggut fuq il-viti biss, jiddendel, ma ghandekx cans li ha jzomm fuq il-viti biss. Jigifieri c-cappetta naghmluha goc-caccis u gol bieb, nofs u nofs, biex is-sahha tibqa'."*. Inoltre, *"....il-ftuh tal-bieb, ikun jista' jinghalaq iktar kif ghandu jkun....."* (fol. 31).

*kieku ix-xoghol qieghed jsir mill-gdid.”* (fol. 18). Il-qorti ma tifhimx li d-difetti huma minuri u li jistghu facilment jittrangaw, anzi minn dak li qal l-espert tekniku pjuttost irrizulta li huma ta’ natura sostanzjali. L-espert tekniku ddikjara li fil-fehma tieghu d-difetti huma kbar u x-xoghol kellu jinqala’ minn postu u *“....trid tibda mill-bidu.”* (fol. 40). Il-qorti qeghda tifhem li x-xoghol li wettaq il-konvenut ma sarx skond il-principji bazici ta’ kif is-sengha titlob li ghandhom jinhadmu u jitwahhlu l-aperturi. Il-qorti qeghda tifhem li l-mod kif inhadmu u twahhlu l-aperturi m’humiex addattati ghad-destinazzjoni taghhom u d-difetti ma jitnehhewx facilment.

Il-principji l-iktar bazici f’kaz ta’ appalt gew elenkati mill-Qorti ta’ l-Appell[3] fil-kawza **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** deciza fis-6 ta’ Ottubru 2004[4]:-

*“(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. “L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria” (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu “ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu” (**Kollez Vol XL pI p485**).*

*(2) “L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina” (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll “f’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem” (**Mario Blackman -***

[3] Imhallef P. Sciberras.
[4] Principji li gew konfermati fis-sentenza li nghatat mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Lulju 2008 (fol. 82-83).

***vs- Carmelo Farrugia et noe****"*, *Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*

*(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (****Kollez. Vol XLI pI p667****) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (****Kollez Vol XXV pI p727****). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (****Kollez. Vol XLII pII p1003****).*

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (****Kollez. Vol XLI pII p892****)*[5]*;*

*(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (****Kollez. Vol XXXVIIIpI p292****).*

*(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment.* ***Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-***

[5] Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Lulju 2008 gie osservat li ghal dawk li huma danni, l-appaltatur m'huwiex mehlus mir-responsabbilta' *".....avolja jkun sar il-hlas ta' l-appalt. Dan ghaliex il-veifika u l-approvazzjoni tax-xoghol issir ghal finijiet tal-hlas lill-appaltatur, izda b'daqshekk dan mhux ezonerat jekk 'il quddiem jigu riskontrati difetti u mankanzi dovuti ghal xoghol hazin."*.

***ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).”***.

Il-qorti hi tal-fehma li l-ilmenti ta' l-atturi huma gustifikati. Il-fatt li l-konvenut thallas m'hijiex prova li l-atturi kienu kuntenti bix-xoghol u li kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet li taghtihom il-ligi. M'hemmx dubju li x-xoghol hu difettuz u ghalhekk l-atturi ghandhom kull jedd jilmentaw.

3. Pero' ghal dawk li huma danni l-atturi ma ressqu l-ebda prova dwar fhix jikkonsistu dawn id-danni, hlief ghal fatt li m'hemmx kontestazzjoni li thallset is-somma ta' tlett elef sit mija u sebgha u hamsin euro u tnax il-centezmu (€3,657.12) mill-atturi lill-konvenut ghax-xoghol li dwaru qeghdin jilmentaw. Hu minnu li skond l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili: *“Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni.”* u li fejn l-jeddijiet tal-parti li lejha ma tkunx giet esegwita l-obbligazzjoni, hemm ukoll il-jedd ghad-danni (Artikolu 1069[2] tal-Kodici Civili). Ghalkemm fil-kaz ta' kondizzjoni rizoluttiva tacita l-qorti ghandha, skond l-Artikolu 1068, l-poter li skond ic-cirkostanzi taghti zmien lill-konvenut qabel ma jinhall il-kuntratt, fil-kuntratt kummercjali l-kondizzjoni rizoluttiva tacita *“...tholl il-kuntratt ipso jure.”* (Artikolu 117 tal-Kodici ta' Kummerc). Inoltre, skond l-Artikolu 1129 tal-Kodici Civili: *“Bla hsara tal-jedd tieghu ghad-danni, il-kreditur jista' jitlob li tigi mnehhijakull haga li tkun saret bi ksur ta' l-obbligazzjoni, u jista' jigi moghti s-setgha li jnehhiha hu stess bi spejjez tad-debitur.”*. Sahansitra, fil-kaz ta' xoghol b'appalt japplika l-Artikolu 1570 tal-Kodici Civili[6]:

[6] Provvediment japplika in forza ta' l-Artikolu 1627 tal-Kodici Civili.

> *"Il-kiri jista' wkoll jinhall, ghad li ma jkunx hemm il-kondizzjoni rizoluttiva, jekk wahda mill-partijiet ma tesegwix l-obbligazzjoni taghha; u, f'kull kaz bhal dan, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita tista' taghzel jew li ggieghel lill-parti l-ohra ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, meta dan jista' jkun,* ***jew li titlob il hall tal-kuntratt flimkien mal-hlas tad-danni ghan-nuqqas ta' l-esekuzzjoni tal-kuntratt.****"*.
>
> Mill-mod kif gew impostati t-talbiet jidher li l-atturi qeghdin jaghmlu distinzjoni bejn id-danni li jippretendu u l-ammont li thallas lill-konvenut bhala korrispettiv ghall-appalt moghti lilu (ara s-sitt talba), ghalkemm wiehed jista jikkwalifika dan l-ammont bhala danni in kwantu l-konvenut thallas is-somma ta' €3,657.12 u ghalhekk jikkwalifika bhala telf li sofrew l-atturi minhabba l-ezekuzzjoni hazina ta' l-obbligazzjoni min-naha tal-konvenut.
>
> Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u filwaqt li ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija tiddikjara rizolt l-appalt tilqa' t-talbiet ta' l-atturi. Ghal finijiet tat-tielet (3) talba taghti lill-konvenut terminu ta' tletin (30) gurnata mil-lum sabiex ghas-spejjez tieghu inehhi x-xoghol li ghamel, u f'kaz li jibqa' inadempjenti qeghda tawtorizza lill-atturi sabiex inehhu x-xoghol ghas-spejjez tal-konvenut. Fir-rigward tal-hames (5) u sitt (6) talba tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' ta' tlett elef sit mija u sebgha u hamsin euro u tnax il-centezmu (€3,657.12).
>
> Spejjez kontra l-konvenut.**"**

L-appell tal-konvenut fil-konfront ta' din is-sentenza huwa dirett maggorment kontra l-opinjonijiet teknici ta' l-espert fil-perizja. B'mod generali huwa jaddebita lill-osservanzi maghmula mill-espert bhala frivoli jew irrilevanti u jiccensura wkoll lill-ewwel Qorti fejn din iddeterminat illi d-

difetti ma kienux minuri. Fl-ahharnett jissottometti wkoll illi l-istess Qorti injorat il-fatt importanti illi l-atturi accettaw ix-xoghol u hallsu ghalih;

Gja gie stabbilit b'sentenza anterjuri ta' din il-Qorti pronunzjata fid-9 ta' Lulju, 2008 illi r-rapport negozjali bejn il-kontendenti kien wiehed ta' appalt ta' xoghlijiet fuq l-injam. Huwa proprju in bazi ghal din id-deduzzjoni illi l-ewwel Qorti, fis-sentenza issa appellata, ghaddiet biex tistharreg ir-rizultat ta' l-ezekuzzjoni ta' l-opra mahduma mill-konvenut appellanti;

Huwa forsi opportun qabel kull konsiderazzjoni ohra illi l-Qorti taghmel din l-osservazzjoni generali u preliminari. Il-mutur li jixpruna l-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet fil-kuntratti huwa bla dubja ta' xejn il-kanoni ta' dik id-diligenza tal-*bonus paterfamilias* ghal liema jirreferi l-principju generali tad-dritt fl-Artkolu 1132 (1) tal-Kodici Civili. Fil-kuntratt ta' appalt din id-diligenza tassumi sens ta' professjonalita` teknika ghal liema l-appaltatur obbigat ghandu dejjem jattjeni ruhu fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u mizuri in bazi ghar-regola tas-sengha u ta' l-arti. Tabilhaqq, ghall-iskop ta' l-otteniment ta' dak ir-rizultat mistenni mill-kommittent wiehed ma jistax jipprexxindi minn din ir-regola. Fuq dan il-gurisprudenza prevalenti hi wahda konkordi fejn tenfasizza illi l-appaltatur "*ha l'obbligo di esiguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua*" u "*di prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli è imposta dalla natura del contratto*." Ara "**Carmelo Scicluna -vs- Giuseppe Mallia *et***", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;

Evidentement, ir-regola precettiva fuq imsemmija hi fil-kaz ta' appalt il-metru li bih jitkejjel l-adempiment, ossija dik tal-verifika ta' l-ezatezza u tal-bonta tax-xoghol ezegwit in relazzjoni mar-rizultat ottenut. Jekk allura jkunu jezistu difetti fix-xoghol, ir-rizultat ahhari ma jistax hlief jirrapprezenta fattispeci ta' inadempiment u tali qaghda

taghti lok ghad-danni, u min jitlobhom "ikun qieghed jippresupponi l-istat ta' nullita` ta' dak li sar, li kellu bhala konsegwenza l-inadempjenza" ("**Elvira Ciantar Vincenti -vs- Maria Giovanna Liberto *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Frar, 1938);

Issa f'dan il-kaz l-appellanti jittanta jipperswadi illi l-inadempiment ma kienx objettivament dovut ghal xi inosservanza da parti tieghu tar-regoli ta' l-arti. Huwa infatti jissottometti – anke fejn jaghmel referenza ghal certi singoli aspetti, ad ezempju dwar ingastrar tac-cappetti, il-pareggjar tal-mincotti u x-xoghol fuq l-aperturi – illi l-perit tekniku ma kienx kompetenti fis-sengha tieghu, jew ukoll ghax inkapaci, u, allura, l-opinjoni teknika tieghu ma kellhiex piz kontra tieghu. Il-Qorti naturalment mhix ser toqghod tidhol f'dawn is-singoli aspetti, anke ghaliex m'ghandhiex dik il-konoxxenza teknika biex tapprofondihom. Minn naha l-ohra ma tistax tiskarta l-gudizzju ta' l-espert nominat mill-ewwel Qorti sija ghan-natura tad-difetti riskontrati minnu, sija ghall-entita` taghhom;

In generali l-perizja rrilevat illi l-bibien, ix-xambrelli u l-burdura jridu jergghu jigu rrangati mill-gdid u jinbidlu xi partijiet, daqs li kieku x-xoghol qieghed isir mill-gdid. Ara *in calce* ghar-rapport tieghu esebit a fol. 15. Anke fil-kors ta' l-eskussjoni, l-istess perit issokta jispjega illi n-nuqqasijiet verifikati "huma kbar", "ghax trid taqla' kollox" u "trid tibda mill-bidu" (fol. 40). Din kienet l-opinjoni valutativa u l-fonti oggettiva ta' prova li l-ewwel Qorti kellha quddiemha ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha u li hi qiesitha kondivizibbli ghad-decizjoni taghha. Ic-censura ta' l-appellanti fir-rigward la tidher li hi perswasiva u wisq anqas, gustifikativa;

Kif kellha okkazjoni tirrileva din il-Qorti "huwa pacifiku illi l-konkluzjonijiet peritali u x-xhieda ta' l-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova ghall-Qorti (Artikolu 644, Kapitolu 12) u, allura, bhal materjali istruttorji ohra huma

kontrallabbli mill-gudikant. Ara “**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emanuele Micallef *et***”, Appell Civili, 23 ta’ Gunju, 1967. Hu minnu illi l-Qorti ma hix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjonijiet taghha nfisha (Artkolu 681 tal-Kapitolu 12), pero`, daqtant iehor hu wkoll konkordament ricevut u accettat illi “dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raguni tista’ tiskarta konkluzjoni ta’ perit nominat minnha” (“**Anthony Cauchi -vs- Carmel Mercieca**”, Appell 6 ta’ Ottubru, 1999). Kif issokta jigi precizat “il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” (“**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***”, Appell, 29 ta’ Mejju, 1998)”. Ara “**Edwin Vella -vs- Joanna Briffa**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 18 ta’ Ottubru, 2006 li minnha din is-silta hi mehuda;

Fil-kaz odjern l-appellant ma ressaq ebda “prova teknika kuntrarja”, anke ghaliex huwa ma pprevalix ruhu mill-fakolta lilu moghtija b’talba ghall-hatra ta’ periti addizzjonali. Evidentement ukoll, la quddiem l-ewwel Qorti u lanqas issa f’din is-sede ma gab deduzzjonijiet kuntrarji influwenti li gravement iqeghdu fid-dubbju l-forza perswasiva u konvincenti tal-motivazzjoni tal-perit li, kif enuncjat, kellha tghodd ta’ gwida ghall-Qorti. Ara “**Constantino Gauci -vs- Annunziato Xerri *et***”, Appell Civili, 15 ta’ Mejju, 1967). F’dawn ic-cirkustanzi u taht dan il-profil l-appellanti ma rnexxielux jeskludi dik il-konnessjoni kawzali bejn il-kondotta tieghu, *qua* obbligat, u l-pregudizzju lamentat mill-atturi appellati. A propozitu, ma jkunx inopportun li jigi senjalat hawnhekk illi dak l-obbligu tieghu li jaghti xoghol tajjeb kien jimponi fuqu l-obbligu li huwa jikkontrolla sew ix-xoghol li jkun qed jaghmel, jirrileva dawk il-fatturi li kapaci ‘l quddiem jikkompromettu l-opra tieghu u, okkorrendo, jaghmel ix-xoghlijiet rettifikatorji opportuni, u jgib il-qaghda ghal dik tar-regoli ta’ l-arti u tas-sengha. Dan kollu l-appellant baqa’ ma ghamlux;

Huwa ghal kollox futili t-tentattiv ta' l-appellanti li jipprova jikkonvinci illi ghax ix-xoghol prestat minnu gie accettat u debitament imhallas dan ghandu jimmilita kontra l-atturi, ghaliex, jekk stess kien hemm dik l-approvazzjoni, l-appaltant jista' dejjem jisperixxi d-drittijiet tieghu kontra l-appaltatur jekk, meta hallas, ma kellux ghalfejn jissospetta li x-xoghol kien difettuz. Ara "**Joseph Zarb -vs- Carmelo Agius**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Frar, 1957. Hekk ukoll u fl-istess sens hi l-gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fejn din tosserva illi "*l'accettazione senza riserva da parte del committente dell'opera compiuta non libera l'appaltatore dalla responsabilita` per le difformita` ed i vizi occulti dell'opera stessa, cioe quelli che non siano conosciuti da parte del committente, ne siano riconoscibili al momento della verifica*" (**Cass. 10 ta' Dicembru, 1994, Numru 10580**). Dan, din il-Qorti gja rrilevatu fid-decizjoni anterjuri taghha tad-9 ta' Lulju, 2008 bejn l-istess partijiet.

Ghal motivi kollha predetti l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------